**KUNSILL LOKALI** **KALKARA** **LOCAL COUNCIL**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

# Is-8 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 3/2022**

16 ta' Marzu 2022

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fl-4:00 ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chricop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

Il-Viċi Sindku ressaq suġġeriment biex il-kunsill jagħmel minuta ta' silenzju għal dak li qed jiġri fil-gwerra tal-Ukranja bħala sens ta' solidarjeta' ma' dawk kollha li qed ibgħatu kaġun ta dan.

**3.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

3.1. Ma kienx hemm

**3.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

3.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 2 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

3.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Vincent Bongailas u ssekondata mis-Sinjura Speranza Chircop, il-minuti ġew approvati unanimament

**3.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku:**

2.3.A **Aġġornament e-van** : It-tender ingħalaq, l-offertur huwa 'Michael Attard Imports limited. Kien compliant , sar ħafna xogħol biex finalment jiġi ordnat il-van perse. Il-LESA għaddew il-fondi li kien rebaħ il-kunsill stess biex b'hekk il-kunsill ikun jista' joħroġ l-ewwel pagament ta' dan il-van. Dan sar kollhu matul dan ix-xahar u bi pjaċir wieħed jista' jgħid illi l-van ġie ordnat. Fil-ġranet li ġejjin il-kunsill ser ikompli jaħdem biex jimtlew karti oħra relatati ma' polza tal-assigurazzjoni, liċenzji u dak kollhu li hemm bżonn biex dan il-van kif jasal jibda jintuża. Waqt diskussjoni fuq din il-kwistjoni bejn il-kunsill inħarġu punti varji ta' concerns fuq kif ser jopera dan il-van bħal xufiera, liċenzji u affarijiet oħra. Is-Sindku qal illi meta l-kunsill iddeċieda li jinġieb dan il-van kien 3 snin ilu u ċerti affarijiet kienu differenti dak iż-żmien. Illum qiegħedin f'din is-sitwazzjoni u għandna 6 xhur biex wieħed jaħseb fl-aħjar mod kif jista' jopera. Is-Sindku qal illi l-kunsill għandu jimxi pass pass qabel wieħed jibda jinkwieta fuq affarjiet li essaċċ m'hemmx kontroll fuqhom.

**B Aġġornament Bandli Triq is-Salvatur** : Is-Sindku spjega kif dan il-proġett diġa' ġie diskuss u maqbul unanimament mill-kunsill f'seduti preċedenti, pero' tajjeb li wieħed jista' jikkonferma illi wara sena l-kunsill ġie mogħoti ż-żona bid-devoluzzjoni mill-gvern. Tajjeb ukoll li wieħed isemmi illi l-kunsill ġab €12,000 fondi mid-dipartiment. Bħalissa għaddej proċess biex jinġiebu l-clearances kollha neċessarji biex il-Perit ikun jista' japplika mal-planning għac-'change of use' biex finalment ikun jista' jinħareġ tender għal equipment li hemm bżonn. Fil-ġranet li ġejjin, is-Sindku flimkien mas-Seg Eżek ħa jkomplu jagħmlu pressjoni biex jinġiebu t-tweġibiet neċessarji biex jitkomplew proċessi oħra biex finalment din iż-żona tiġi trasformata f'żona ta' rikreazzjoni ġdida. Is-Sindku wkoll informa lill-Kunsill illi intalbet estinzzjoni tal-fondi li intrebħu biex il-kunsill ma jitlifx din l-opportunita'. Jekk din l-estinzzjoni ma tiġix 'granted' il-kunsill għandu xorta jlesti l-affarijiet kollha meħtieġa biex meta terġa' toħroġ skema bħal dik li intrebħu dawn il-fondi bihom il-Kunsill ikun minn tal-ewwel li japplika u jkun f'ċans ikbar li jkun jista' jimxi mad-dati stipulati.

**C Slip Way – Triq ir-Regatta 1969** : Is-Sindku nforma l-kunsill formalment fuq ix-xogħol li sar u ġie ffinalizzat fuq l-'islip way' tan-naħa tar-Regatta. Dan ix-xogħol sar mill-Ministeru tal-Infrastruttura u ġie ffinalizzat fl-aħħar ġranet tax-xahar ta' Marzu. Ukoll itellgħu xi notifiċi fuq il-midja soċjali rigward dan il-post. Is-Sindku żied jgħid illi fuq talba tal-club tar-Regatta ġiet milqugħa u anke kienu nvoluti f'meetings anke ma' 'Infrastructure Malta' qabel ukoll ma beda x-xogħol perse.

**D Aġġornament Parkeġġ- Triq il-Konvoj ta' Santa Marija:**

**Dan il-punt diġa' kien ġie diskuss f'seduti preċedenti fejn il-kunsill kien qabel illi f'din iż-żona jiżdiedu l-parkeġġi. Is-Sindku qal illi wara wkoll li kien talab il-Ministeru tax-xogħolijiet tal-Gvern it-talba tiegħu ġiet milquwha u wara ħafna laqgħat fuq il-post stess insab l-aħjar mod kif wieħed jista' jiżdiedu l-parkeġġi. Tajjeb li wieħed jgħid illi finalment il-proċess tal-pressi neċessarji inbeda u wasal fi tmiem tiegħu biex finalment jinbeda ix-xogħol fiż-żona.**

**E Korrespondenza :**

1 Is-Sindku informa l-kunsill illi fil-ġurnata tal-elezzjoni ġenerali nhar is-26 ta' Marzu l-uffiċini tal-kunsill ser ikun magħluq wara li wkoll intbgħatet ċirkulari mid-DLG biex l-uffiċju jinżamm magħluq.

2 Is-Sindku nforma l-kunsill b'mod partikolari l-kunsilliera Maria Sultana fuq programm bl-isem 'Aqra Miegħi' biex ukoll ikun jista' jsir fil-lokal tal-Kalkara li huwa mmirat għal trabi u għat-tfal ta 3 snin. Is-Sindku qal illi tajjeb li wieħed jaħdem fuq din il-materja biex b'hekk anke t-tfal tal-Kalkara ikollom sezzjonijiet ta' qari, kant eċċetra li jinvolvi l-letteratura. Dawn is-sezzjonijiet ser jinbdew f'April u kull nhar ta' Ġimgħa. Is-Sindku saqsa l-kunsill illi jekk ikun hemm xi nies interessati li jixtiequ jagħmlu 'part time' biex

ukoll ikunu involuti f'dawn is-sezzjonijiet tajjeb li wieħed jinfurmah ħalli wkoll ikun jista' jmexxi mal-aġenzija stess.

3 Is-Sindku nforma l-kunsill dwar email formali li rċieva mill-kuntrattur tal-iskart fejn hemm talba partikolari minħabba anomalija fit-'tender document' maħruġ mill-kunsill stess fejn dan fehem b'mod partikolari sezzjoni li kienet qed tgħid għal 'wheely bins' f'terminoloġija oħra għal-iskips. Is-Sindku spjega din l-email, spjega l-anomalija fid-dettal fejn il-kunsill fehem din it-talba u qabel unanimament illi għandom jitħallsu l-iskips ir-rata ta' €55 per day u mhux kif oriġinarjament gie ssubbmitjat il-prezz fit-tender għal fatt illi t-terminoloġija kienet waħda misleading għal istess kuntratt.

F **Punti Ġenerali :**

1 Is-Sindku nforma lill-kunsill dwar il-fatt illi hu ġie mgħarraf illi waqt il-festa tal-Kalkara ingħata permess lil Bormla ser toħroġ il-kunċizzjoni minħabba l-200 sena kolleġjata. Din il-kwistjoni qajmet furur kbira bejn il-Każini tal-lokal tal-Kalkara. Is-Sindku fehem lill-kunsill illi din ser toħloq konflitt anke fuq bandisti u loġistika oħra relatati mall-festi. Is-Sindku qal illi kellem ukoll lis-Sindku ta' Bormla fejn hi wkoll kellmet l-arċipriet ta' Bormla fuq din il-kwistjoni. Sadanittant intbgħatu emails u ġie deċiż illi l-kunċizzjoni għandha toħroġ fis-16 ta' Lulju. Kien hemm diskussjonijiet bejn il-Każini tal-lokal biex tinsab soluzzjoni tajba għal kulħadd. Intbgħatu ħafna proposti u ġie deċiż fuq is-16 ta' Lulju. Tlaqqet ukoll kummisjoni festa fejn waqt din il-laqgħa, is-Sindku ma ġiex mgħajjat għaliha biex ikun preżenti. Is-Sindku wara dan sejjaħ laqgħa biex jiltaqa' kulħadd madwar mejda l-bieraħ 15 ta' Marzu fejn il-Kappillan m'għoġbux jattendi. Ġew diskussi punti ġenerali fosthom din il-kwistjoni fejn ukoll ittieħdet pożizzjoni mal-kumitat festa fejn ukoll intbgħatet ittra lill-Arċipriet ta' Bormla formalment. Il-pożizzjoni tal-kunsill unanimament maqbul għandha tkun 'onboard' mal-Każini tal-lokal u xejn aktar.

G **Format tas-Seduti formali tal-Kunsill:** Is-Sindku spjega għal darb'oħra kif għandha tkun laqgħa proprja tal-kunsill il-għaliex wara kollox agenda ma tidirx biss waqt is-seduta formali imma jarawha ħafna aktar nies. Is-Sindku qal illi ċerti affarijiet bħal ilmenti m'għandomx jitpoġġew fuq l-agenda ħabba raġunijiet varji fosthom minħabba t-tul tal-laqgħa perse u minħabba illi wieħed m'għandux għalfejn jistenna xahar biex jitressaq ilment ta' resident. L-istaff amministrattiv qiegħed hawnhekk biex jilqa' lmenti fost affarijiet oħra. Is-Sindku qal illi fil-ħin allokat għal kunsilliera wieħed għandu jitkellem fuq id-dekasteri tagħhom u mhux fuq affarijiet oħra li m'humiex relatati. Is-Sindku qal illi anke ġieli inġibdet l-attenzjoni illi ikun hemm istanzi fejn kunsilliera xahar wara xahar jiddeċiedi li ma jitkellimx fuq id-dekasteru tiegħu fejn dan jiġi mfisser illi matul dak ix-xahar ma jkun sar xejn. Is-Sindku qal illi dawn l-affarijiet ma jirriflettux tajjeb fuq il-kunsill perse.

**3.4 Punti mill-Minuti Preċedenti :**

I Punt 2.3 C : Is-Sindku nforma l-kunsill kemm kienet attivita' ħelwa kif ukoll irringrazzja lill Maria Sultana tas-sehem tagħha waqt din l-attivita' fejn ukoll ħadet ħsieb bejgħ ta' kotba. Jinsab ferm kuntent mill-'outcome' tagħha fejn ukoll kien hemm attendenza tajba ħafna għal din l-attivita'. Ikun sabiħ illi attivita' bħal din tiġi mniżżla fil-kalendarju kulturali tal-kunsill għal kull sena bħal ma wkoll il-kunsill diġa' qabel li titniżżel attivita' ta' Festa Ċitru. Is-Sindku qal pero' d-data għandha tinbidel minħabba l-fatt illi s-sena d-dieħla ikun hemm il-carnival tat-tfal il-belt u dak li jkun imur il-belt u mhux attivita' żgħira ġol-lokal.

Is-Sur Bongailas issuġerixxa illi l-kunsill għandu jinvesti f'bankarelli tiegħu u mhux jikrihom mill-privat biex b'hekk jiġu ntużati għal waqt attivitajiet bħal din u oħrajn li l-kunsill jista' jorganizza. Huwa qal illi bankarelli bħal dawk jistgħu jsiru wkoll mill-ħaddiema l-għaliex ma jesiġux ħafna xogħol biex isiru.

II Punt 2.3 i : Laqgħa Pubblika ser tinbidel id-data minħabba loġistika u minħabba wkoll l-Elezzjoni Ġenerali skedata fl-istess jiem viċin ħafna l-laqgħa pubblika li kienet skedata fl-24. Il-kunsill qabel unanimament illi d-data l-ġdida hija dik ta nhar id-19 ta' April 2022

III Punt 2.4 1 :8 Sar ukoll meeting 'onsite' fejn kien preżenti uffiċjal tekniku ta' Transport Malta. Ġie kkonfermat illi '2 way' impossibli illi ssir ħabba r-raġunijiet li diġa' ġew diskussi pero' instab arranġament fejn servizzi li jużaw 'heavy vehicles' titweħħel tabella apposta li jkun jista' jgħaddi 'one way' għal karozzi oħra normali. Dawn is-servizzi jinkludu tal-gas, ġbir ta' skart u oħrajn. Ġie diskuss il-possibilta' li ssir 'except for residents only' fejn ukoll l-uffiċjal ikkonferma illi dawn m'humiex permessibli.

Is-Sur Bruno ssuġġerixxa illi r-residenti m'għandomx jinżammew milli jidħlu ġo darhom waqt ħin l-iskola. Is-Sindku talab lis-Seg Eżek tkellem naqra l-'community police' fuq din il-kwistjoni avolja għandu r-riservi tiegħu fuq din il-kwistjoni minħabba l-fatt illi mhux dejjem ikun hemm uffiċjal fejn l-iskola u dan jista' jkun ta' periklu għat-tfal li jkunu ħerġin mill-iskola fil-ħin li jgħaddu l-karozzi ovjament.

IV Punt 2.4 6 : Apparat tweħħel fil-knisja u d-dipartiment qed jissuġġerixxu li l-kunsill joħroġ 'bye law' fil-lokal abbinata ma' dan ukoll l-apparat biex ikun iktar effettiv dan il-ftehim. Il-kunsill qabel unanimament illi għandha ssir din il-'bye law' fix-xhur li ġejjin biex b'hekk l-istess kunsill jirregolarizza ruħu fuq din il-kwistjoni.

V Punt 2.5 i3: Is-Sindku nforma l-kunsill fuq anke lment li kien ressaq is-Sur Bongailas fuq ċint li kien qed jaqa' fiż-żona ta' Sptar Navali, lest u sar minn naħa tal-ħaddiema tal-gvern li waqt din is-seduta rringrazzjahom formalment.

3.5 I Is-Sindku saqsa lis-Seg Eżek biex titweħħel sink fuq is-suġġeriment ta' Maria Sultana minħabba iġene fit-toilet li hemm fir-reception area tal-istess kunsill.

3.5 II A Is-Sindku qal lis-Sinjura Chircop illi din il-kwistjoni ġiet diskussa u li mhux ħa jiftaħ dan l-argument waqt is-seduta, is-Sinjura Chircop staqsiet jekk huwiex possibli jiżdied id-dawl b'aktar amperaġġ jew tistax iddur il-lampa li hemm fil-viċinanzi. Is-Sindku qallha illi kellem lil min ilmenta dirett.

B Is-Sindku qal illi din il-kwistjoni hemm approvazzjoni lesta ta' TM pero' l-kunsill xtaq jagħmel xi aġġustamenti żgħar li hemm bżonn. Is-Sindku qal illi din id-diversion baqgħet lura minħabba l-ammont ta' kostruzzjoni li hemm fi Triq is-Sibi fejn qed jinħoloq konġezzjoni sħiħa fiż-żona.

C Is-Sindku qal illi suġġerimet bħal dan tar-rampa, fiż-żona fejn is-Sinjura Chircop, tista' tgħaddiha lis-Seg Eżek fuqha biex taħdem fuqha hi.

D Is-Sindku qal illi ħjiel m'għandux, kienet inkitbet email lill-'Infrastructure Malta' pero' l-kunsill ma ħa l-ebda risposta sa issa. Is-Sindku qal illi s'issa m'għandu l-ebda pjan fuq toroq oħra. Tajjeb illi jekk il-kunsill ikollu xi suġġerimenti jgħaddihom lis-Sindku biex iwassalhom lill-awtorita' kkonċernata.

3.5a Ħin allokat għas -Sur Vincent Bongailas – Viċi Sindku

Is-Sur Bongailas saqsa jekk huwiex possibli titpoġġa 'loading/ unloading bay' biex tintuża minn nies li għandom id-dgħajjes marbutin mal-bagi l-Kalkara fejn fil-preżent m'hemmx parkeġġ apposta biex jittella' u jitniżżel persuna diżabbli minn fuq dgħajsa. Wieħed mit-3 sets ta' turġien għandu jkun aċċessibbli għal persuni diżabbli.

Is-Sur Bongailas staqsa x'tip ta' risposta għandu jagħti lin-nies li qed isaqsu u ssuġerew li jitweħħlu tabelli għal qtates. Is-Sindku qal illi onestament il-kunsill m'huwiex f'pożizzjoni li jħallas affarijiet barra mill-budget skedat fosthom dawn it-tabelli. Is-Sindku qal illi skemi fuq l-annimali bħalissa m'hemmx.

3.5b Ħin allokat għas-Sinjura Maria Sultana – Kunsilliera

3.5c Ħin allokat għas-Sinjura Speranza Chircop – Kunsilliera

3.5 d Ħin allokat għas-Sur Christopher Bruno– Kunsillier

**3.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**3.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**3.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 3.22

**3.7 Mozzjonijiet**

**Ma kienx hemm**

**3.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

3.8.1 Is-Seduta ntemmet fis-7:15pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għas-12 ta' April 2022 fl-4:00 ta' wara Nofsinhar.

Konfermati, illum ________________________________

________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

________________________

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv